**FIT - TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR**

**Ġudikatur: Dr. Marouska Debono LL.D; M.A. in Law**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 8 ta' Ottubru, 2024**

**Talba Nru: 256/2021MD**

**Danio Fenech (ID 383380M)**

**Vs**

**Eric Manicaro (ID 479997M)**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviż fl-ismijiet premessi ppreżentat fit-2 ta' Settembru, 2021[1] permezz ta' liema l-attur talab lil konvenut s-somma ta' elf u tlett mitt Ewro (€1,300), rappreżentanti bejgħ ta' ħmara li kellha tkun tqila, iżda ma kienetx u ma ġietx ritornata lura skont il-ftehim li kellhom, bl-ispejjeż inkluż tal-ittra uffiċjali bin-numru 1431/2021.

Ra r-risposta tal-konvenut[2] datata 7 ta' Ottubru, 2021 li permezz tagħha eċċepixxa:

*Illi t-talba għandha tiġi respinta bħala infondata fil-fatt u fid-dritt;*

*Illi l-arranġament finali kien mod ieħor milli dak li qed jgħid l-attur;*

*Illi l-ammont huwa eċċessiv;*

[1] Fol 1 *et seq* tal-process.
[2] *A fol* 4 *et seq* tal-process.

*Illi bil-kontra hu l-intimat li għandu jieħu flus mill-attur u b'hekk qed jippreżenta kontro-talba.*

Ra l-kontro-talba[3] tal-konvenut-rikonvenzjonant ppreżentata mar-risposta li permezz tagħha talab:

*Illi l-attur għandu jħallas dan l-ammont rappreżentanti €2,350 ħlas li jrid jintradd lura tal-ħmir u kwantu €1,830 spejjeż biex jinżammu dawn il-ħmir billi l-attur irrifjutahom.*

Ra ir-risposta tal-attur-rikonvenzjonat, għall-kontro-talba tal-konvenut-rikonvenzjonant ppreżentata fis-7 ta' Jannar, 2022 permezz ta' liema eċċepixxa[4]:

*Li tali kontro-talba hija frivola u vessatorja u nfondata kemm fil-fatt u fid-dritt.*

Ra d-dokumenti li ġew esebiti in atti.

Ra x-xhieda prodotta mill-partijiet.

Sema t-trattazzjoni tal-partijiet.

Ra li l-kawża tħalliet għas-sentenza.

**Fatti fil-Qosor**

Għal xi Marzu tas-sena 2021 l-attur kien biegħ ħmara lil konvenut-rikonvenzjonat għal prezz ta' €1,300, bil-ftehim li jekk il-ħmara ma kienetx tqila kellu jirritornaha lill-attur-rikonvenzjonat. Wara li saret viżta minn veterinarju, irriżulta li l-ħmara ma kienetx tqila. Kemm-il darba staqsa lil konvenut x'kien ser jagħmel iżda qatt ma tah risposta. Għalhekk qed jitlob li l-konvenut-rikonvenzjonant iħallas is-somma ta' €1,300. Min-naħa l-oħra l-konvenut-rikonvenzjonant eċċepixxa illi l-kawża hija infondata fil-fatt u fid-dritt, li l-arranġament bejn il-partijiet kien differenti minn dak li qed jgħid l-attur. Fil-kontro-talba l-konvenut-rikonvenzjonant talab l-ammont ta' €2,350 rappreżentant ħlas li jrid jintradd lura tal-ħmir u kwantu għas-somma ta' €1,830 rappreżentanti spejjeż biex jinżammu dawn il-ħmir billi l-attur irrifjutahom. L-attur-rikonvenzjonant eċċepixxa li din it-talba hija frivola u vessatorja u li hija infondata fil-fatt u fid-dritt.

[3] A fol 5 et seq tal-proċess
[4] A fol 11 et seq tal-process

**Provi Prodotti**

Sema lil **Danio Fenech**[5] li ddikjara li hu jaħdem bit-*taxi* iżda jġib l-bhejjem. Il-konvenut-rikonvenzjonant mar biex jixtri l-ħmir u biegħlu tnejn, fejn ħallsu ta' waħda. Qabel kien biegħlu wkoll u dejjem ħallsu. F'din l-okkażjoni kien qallu li jekk ma kienetx tqila jerġa joħodilu lura. Beda jċempillu iżda l-konvenut jew ma bediex jirrispondih, xi drabi kien jgħidlu li ma jistax imur, drabi oħra kien jgħidlu li kellu l-*mobile* bil-ħsara. Kien qallu li kien ħa l-veterinarju u ċċertifika li l-ħmara ma kienetx tqila. Spjega li dan ilu fuq sena, u l-konvenut baqa' la ħallsu u lanqas irritorna l-ħmara. Dan kien f'Marzu jew April tas-sena 2021. Il-ftehim sar fir-razzett il-Mosta, fejn kien hemm missieru preżenti. Il-prezz miftiehem kien ta' €1,300. Qal li hu m'għandux itih flus u dan għaliex kellu jieħu l-ħmara lura kif miftiehem iżda qatt ma rritorna l-ħmara.

Fil-kontro-eżami[6] ikkonferma li lil konvenut-rikonvenzjonant kien jafu għaliex kienu jinnegozjaw bejniethom fuq ħmir. Ikkonferma li f'dan l-episodju kien biegħlu erbat'iħmir fejn fuq waħda kien hemm kundizzjoni li tkun tqila u kienet tiswa €1,300, filwaqt li l-oħrajn kien biegħhomlu b'li kienu. Ma kienx qallu liema waħda kienet tqila. Il-ftehim kien li l-aħħar waħda tkun tqila. L-ewwel waħda ma kelliex tkun tqila, iżda kienet u kien qallu anke li xtrat. Fuq l-aħħar ħmara li qed jagħmel referenza għaliha l-attur, u ċioe', li kellha tkun tqila ħadha għand il-veterinarju li kkonferma li ma kienetx u kellu jerġa jtijilu lura. Ma kienx preżenti meta mar il-veterinarju. Ma qallux biex iħallsu tal-aħħar ħmara għaliex dak il-ħin għaliex fdah. Meta kien imur għandu l-konvenut ġieli kien ikun akkumpanjat minn missieru. Huwa kien irrakomandalu l-veterinarju li uża l-konvenut.

Sema lil **Leli Fenech**[7] li ddikjara li hu missier l-attur, u li jaf lil konvenut meta f'Marzu tas-sena 2021 it-tifel tiegħu biegħlu xi żewġt'iħmir. Jaf li qabel din l-okkażjoni kien biegħlu iktar ħmir iżda tal-ħmir tal-aħħar ma kienx ħallsu. Kien hemm ftehim li tkun mgħammra u jekk ma kienetx kellu joħodha lura jew inkella jiftehmu fuq prezz.

Sema lil **Eric Manicaro**[8] li ddikjara li hu kien xtara erbat'iħmir mingħand l-attur-rikonvenzjonat u qabel kien xtara iktar. L-ewwel xtara żewġt'iħmir bil-patt li jekk ma kienux tqal kien ser joħodhomlu lura u l-attur jagħtih il-flus lura. Ġimgħatejn wara xtara żewġt'iħmir oħra bl-istess patt. Ħa veterinarju li kien irriferilu l-attur stess u rriżulta li minn dawk l-erba' ħmir, waħda biss kienet tqila. Qal li fuq l-aħħar ħmara fil-bidu il-prezz miftiehem kien ta' €1,300 u nnegozjaw il-prezz ta' €1,150. Qal li hu u anke l-ġenituri tiegħu raħħala u f'dan ix-xogħol. Qal li meta tkelmu huma dejjem tkelmu fuq l-erbat'iħmir. Fuq it-tlieta l-oħra li ma kienux tqal kien kellmu fuqhom u l-patt kien li jtih il-flus lura, iżda qatt ma tahomlu. Ippreżenta *screenshot* ta' messaġġi skambjati[9] u spjega li meta ma ftehmux fuq li jtih il-flus lura qallu biex imur u jibdilhomlu. Għall-ewwel huwa ma aċċettax u wara li tkellem ma missieru qallu li jekk ikun hemm ħmir milli jġib li joġgħbuhom ma kelliex tkun problema, u dan għaliex l-attur kien iġib ħmir ta' spiss. L-attur ċempillu darba is-Sibt filgħaxija u meta ftehmu mar u l-ħmir li kellu ma għoġbuhx u ma ħax minnhom. Reġa ġab iżda l-istess m'għoġbuhx. Reġa ġab darbtejn oħra

[5] A fol 16 et seq tal-proċess, xhieda datata 15 ta' Marzu, 2022
[6] A fol 22 et seq tal-proċess, kontro-eżani datat 5 ta' Lulju, 2022
[7] A fol 18 et seq tal-proċess, xhieda datata 15 ta' Marzu, 2022
[8] A fol 25 et seq tal-proċess, xhieda dtata 5 ta' Lulju, 2022
[9] A fol 28 tal-proċess

u kien ikelmu ħażin u l-*mobile* ma weġbux iktar. Dawn il-messaġġi intbagħtu wara li l-attur kien kellmu ħażin u hu kien qallu jew kif kienu miftehmin inkella l-ħmir tiegħu u l-flus tal-attur. Meta mar jixtri dawn l-erba' ħmir, kien hemm missieru miegħu.

Fil-kontro-eżami spjega li meta qal lill-attur biex iġiblu l-ħmir u hu jerġa jtih il-flus lura, l-attur ma riedx. Fenech ried li hu jtih il-ħmir mingħajr ma jtih il-flus lura. Ma kienx kuntent bl-erbat'iħmir iżda kien laħaq ħalsu €2,350 qabel ma ħa lil veterinarju għaliex kieku ma kienx iħallsu. Fuq ir-raba' ħmara u ċioe' meta l-veterinarju informah li ma kienetx tqila, Fenech kien kellmu wara xi xahar sabiex iħallsu. Hu kien qallu sabiex jieħu lura t-tlett iħmir u jtih il-flus lura u dan għaliex hekk kien il-patt.

Sema lil **Peter Manicaro**[10] li ddikjara li l-konvenut-rikonvenzjonant huwa it-tifel tiegħu, u li kien miegħu meta għamel in-negozju ma Fenech. L-ewwel xtara żewġt'iħmir b' €1,200-il waħda bil-kundizzjoni li jkunu tqal, imbagħad xtara tnejn oħra b'€1,150 u ta' waħda minnhom ma ħallsuhx, u minnhom l-erbgħa waħda biss kienet tqila. Huma jikkalkulaw il-prezz ta' ħmara li ma tkunx tqila daqs nofs il-prezz. Waqt in-negozju dejjem kien mat-tifel. Meta rriżulta li kien hemm tlieta ma kienux tqal, l-attur-rikonvenzjonat ma riedx jagħti l-flus lura. Qatt ma għamlu proċeduri ġudizzjarji fil-konfront tiegħu.

Sema lil **Dr. Daniel Cauchi**[11] li ddikjara li hu veterinarju li prinċipalment jispeċjalizza fiż-żwiemel. Huwa qeda liż-żewġ partijiet. L-ewwel persuna li kien jaf kien lill-attur u dan għal madwar l-aħħar sentejn, tlett snin u dan dejjem b'mod professjonali. Lil konvenut sar jafu għaliex kien xtara xi ħmir mingħand l-attur u ried li jiċċekja jekk kienux tqal jew le. Il-konvenut kien qallu li kien irrakomandah Fenech. Hu kien intalab mil-konvenut sabiex jiċċekkja l-ħmir kienux tqal u kien rahom ir-razzett tal-konvenut, għal xi Marzu tas-sena 2021. Huwa kien invista ħamest'iħmir imma ma ftakarx kemm kien xtara mingħand l-attur. Normalment meta jinxtraw ħmir nisa l-biċċa l-kbira jkunu mgħammrin qabel, u milli seta jifhem dan il-każ kien hekk. Spjega li, li jkunu mgħammrin ma jfissirx li jkunu tqal, u jekk ikunu tqal il-prezz ikun naqra iktar. L-iskop tal-viżta tiegħu kienet sabiex jara kienux tqal. Spjega li l-ġestazzjoni tal-ħmir hu minn 11-il xahar sa 14-il xahar massimu u jvarjaw.

**Kunsiderazzjonijiet**

Il-kawża odjerna titratta dwar bejgħ ta' ħmara li kellha tkun tqila iżda ma kienetx u għalhekk li sar bejgħ mhux ta' kwalita pattwita.

L-Artikolu 1390 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta jipprovdi:

> *Jekk il-ħaġa li l-bejjiegħ iġib biex jikkunsinna ma tkunx tal-kwalità mwiegħda, jew ma tkunx bħall-kampjun li fuqu l-bejgħ ikun sar, ix-xerrej jista' jagħżel jew li*

[10] A fol 31 et seq tal-proċess, xhieda datata 15 ta' Novembru, 2022
[11] A fol 61 et seq tal-proċess, xhieda datata 18 ta' Ġunju, 2024, riprodott fuq ordni tat-Tribunal datata 11 ta' April, 2024 stante li r-*recording* tax-xhieda tiegħu mogħtija fl-243 ta' April, 2023 ma setgħetx tinstab

*jirrifjuta l-ħaġa u jitlob id-danni, jew li jirċievi l-ħaġa bi prezz anqas fuq stima ta' periti.*

L-attur fix-xhieda tiegħu jgħid illi lil konvenut kien mar għandu sabiex jixtri ħmir oħra, fejn fit-tieni okkażjoni kien xtara żewġt'iħmir fejn kien qallu illi jekk waħda ma tkunx tqila u ċioe' dik li ma kienx ħallas jerġa joħodilu lura, iżda wara li invistaha l-veterinarju u ra li l-ħmara ma kienetx tqila, il-konvenut la kien tah il-ħmara u lanqas il-flus. Qal li hu biegħlu erbat'iħmir fuq darbtejn u l-ftehim kien fuq il-ħmara li tħallasx tagħha li kellha tkun tqila. Huwa jikkontendi li l-prezz miftiehem fuq din il-ħmara kien ta' €1,300.

Min-naħa l-oħra l-konvenut jgħid li l-ewwel xtara żewġt'iħmir bil-kundizzjoni li jekk ma jkunux tqal joħodhomlu lura u l-attur itih l-flus li kien ħallas tagħhom u wara kien xtara żewġt'iħmir oħra bl-istess patt. Mar il-veterinarju u rriżulta li kien ra ħamest'iħmir u kien hemm tnejn tqal, iżda ma kienx jaf jekk kienux il-ħmir mixtrija mingħand l-attur, u kemm effettivament kien xtara ħmir mingħand l-istess attur. Fir-rigward tal-prezz huwa qal li l-ewwel ftehim fuq il-ħlas tal-ħmara mertu tal-kawża kienet ta' €1,300 iżda mbagħad kienu ftehmu fuq is-somma ta' €1,150.

Jirriżulta li bejn il-partijiet kien hemm ftehim iżda t-Tribunal qed jiġi rinfaċċjat b'żewġ verżjonijiet ta' x'kien il-ftehim bejn il-partijiet.

Huwa ritenut illi:

> *"In tema legali jigi osservat li huwa principju assodat fil-gurisprudenza li f'kaz ta' zewg verzjonijiet diametrikalment opposti u li jkunu plawsibbli jew possibbli dan jiffavorixxi l- konvenuti in bazi ghal principju li onus probanti incumbit ei qui dicit non ei qui negat. Huwa l-attur li jrid jipprova l- fatti minnu premessi u allegati fic-citazzjoni. Mill-banda l-ohra pero', il-grad ta' prova rikjest fil-kamp civili, b'differenza minn kawzi kriminali fejn il-ligi tesigi li l-prova tal-htija ghandha tirrizulta minghajr dubju ragonevoli, fil- kamp civili huwa bizzejjed li jkun hemm certezza morali f'mohh il-gudikant. Din ic-certezza morali rikjesta f'kawza civili hija l-effett tal-bilanc tal-probabilitajiet. Mera possibilità mhux sufficjenti biex tirradika r-responsabilità civili" – (Giordmaina Medici et vs Rizzo – 28.4.2004)*

F'dan il-każ il-ġudikant huwa ggwidat mill-insenjament mogħti fis-sentenza fl-ismijiet **Farrugia vs Farrugia** mogħtija fil-24 ta' Novembru 1966 fejn kien ingħad hekk:[12]

> *"Il-konflitt fil-provi huwa haga li l-Qrati jridu minn dejjem ikunu lesti ghaliha. Il-Qorti ghandha tezamina jekk xi wahda miz-zewg verzjonijiet, fid-dawl tas-soliti kriterji tal-kredibilita u specjalment dawk tal-konsistenza u verosomiljanza, ghandhiex teskludi lill-ohra, anke fuq il-bilanc tal-probabilitajiet u tal-preponderanza tal-provi, ghax dawn, f'kawzi civili, huma generalment sufficjenti ghall-konvinciment tal-gudikant. Mhux kwalunkwe tip ta' konflitt ghandu jhalli fill-Qorti f dak l-istat ta' perpelessita' li minhabba fih ma tkunx tista' tiddecieci b'kuxjenza kwieta u jkollha taqa' fuq ir-regola in dubio pro reo."*

[12] Rik Nru: 101/2010JPG

Jirriżulta illi l-konvenut xtara erbat'iħmir mingħand l-attur f'żewġ okkażjonijiet differenti. L-attur baqa' jsostni li tlieta minnhom biegħhomlu kif kienu filwaqt li l-unika ħmara li ftehmu li kellha tkun tqila kienet l-aħħar waħda u għalhekk l-ammont pretiż minnu kien biss fir-rigward ta' dik il-ħmara. L-oħrajn kien tħallas tagħhom. Il-konvenut, kif ukoll missieru Peter Manicaro jisħqu illi xtara l-erbat'iħmir ġimgħatejn minn xulxin bil-patt li kollha jkunu tqal, u jekk ma jkunux joħodhomlu lura u l-attur itih il-flus. Qal li dejjem tkelmu fuq l-erbat'iħmir flimkien. Filfatt kull darba li l-attur kien jġib ħmir oħra kien imur jara biex jagħżel minnhom, ma kien joġgħbu xejn u kien jitlaq 'l hemm.

Jirriżulta wkoll illi l-prezzijiet tal-ħmir ivarjaw fejn l-ewwel tnejn kienu nxtraw fl-ammont ta' €1,200-il waħda filwaqt li ż-żewġt'iħmir li nbiegħu il-ġimgħa ta' wara, waħda kienet €1,150 filwaqt li l-ħmara mertu tal-kawża kienu nnegozjawha ma sarx ħlas tagħha sakemm l-konvenut jivverifika jekk kienetx tqila. Il-konvenut qal ukoll illi għat-tlett iħmir l-oħra ma kienx ħa l-veterinarju u laħaq ħallas mingħajr ma ċċekja jekk kienux tqal, u qal ukoll li kieku ma kienx iħallsu. Allura t-Tribunal jistaqsi jekk dan il-bejgħ sar fi żmien ġimgħa minn xulxin u saħansitra xtara l-aħħar żewġ'iħmir flimkien, allura x'kien l-iskop li ma ħallasx din il-ħmara partikolari biss. Illi dan it-Tribunal ma huwiex konvint illi l-ftehim sar dwar l-erbat'iħmir u li kellhom ikunu tqal bil-patt li jekk ma jkunux jerġa jirritornahom lura u mhux dwar l-aħħar ħmara li effettivament kellha tkun tqila iżda li rriżultat li ma kienetx tqila.

Fix-xhieda tiegħu Dr. Daniel Cauchi spjega li l-biċċa l-kbira speċjalment in-nisa ħmir ikunu mgħammrin minn qabel. Kompla jispjega li jekk ikunu tqal dejjem ikunu naqra iktar il-prezzijiet. Illi dwar il-prezz dan it-Tribunal huwa konvint li l-prezz miftiehem dwar il-ħmara mertu tal-kawża kien effettivament ta' €1,300 u mhux ta' €1,150 kif qed jikkontendu kemm l-konvenut kif ukoll missieru.

Jirriżulta illi l-ħlas fuq il-ħmara in kwistjoni għadu dovut, u li għadha għand il-konvenut hekk kif ġie konfermat mill-partijiet. Il-konvenut jgħid illi kemm-il darba mar jara ħmir oħra li ġab l-attur iżda xejn ma kien joġgħbu u hu ma rritornax il-ħmara jew skont il-kontro-talba mressqa minnu ħmir, li dan it-Tribunal qed jifhem li qed jirreferi għal-ħmir li ma kienux tqal skont l-ammont mitlub fl-istess kontro-talba, lura, għaliex l-konvenut ma riedx jagħtih il-flus lura. Huwa esebixxa serje ta' messaġġi fejn spjega li messaġġ partikolari u ċioe':

> *Aħna konna miftehmin issa jew ha nimxu kif konna miftehmin jew il-flus tieghak u l-hmir tieghi. U l-mobile ma jkunx fuqi l-hin kollu.*

Qal li dan il-messaġġ intbagħat għaliex l-attur kien ċempillu jidgħi meta ra li ma kien qed joġgħbu xejn*,* fejn hu kien qallu li jew jimxu kif kienu miftehmin inkella hu jżomm il-ħmir u l-attur iżomm il-flus fejn mill-kumplament tal-messaġġi jidher li l-partijiet baqgħu f'kuntatt.

L-azzjoni hija ibbażata fuq l-Artikolu 1390 tal-Kapitolu 16 li tirrikjedi li jekk il-venditur jikkonsenja ħaġa mhux tal-kwalita` pattwita jew mhux bħal kampjun li fuqu l-vendita' tkun saret, il-kumpratur jista' jagħżel jew li jirrifjuta l-ħaġa u jitlob id-danni, jew li jircieviha bi tnaqqis fil-prezz fuq stima ta' periti u din l-azzjoni hija preskrivibbli b'egħluq is-sentejn mill-bejgħ.

Fuq din il-materja ssir referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Rita Sultana armla ta' Roland f'isimha proprju u f'isem Andreina Sultana minuri, u Roberta Sultana Vs Michael Borg Cardona u Joseph Caruana**[13] fejn il-Qorti Ċivili rriteniet**:**

> *... meta ssir kawza ghall-hlas tal-prezz ta' l-oggett mibjugh, il-konvenut ma jistax jissolleva l-eccezzjoni li l-oggett kunsenjat ma kienx tal-kwalita' pattwita u kwindi ma kienx intitolat ihallas l-ammont dovut; il-konvenut kellu jiddeduci l-ilment tieghu b'talba per via di azione – ara "Aveta noe vs Caruana et", deciza minn din il-Qorti fis-7 ta' Novembru, 1995, "Xuereb vs Vella", deciza mill-Qorti Civili tal-Magistrati fis-7 ta' April, 1997, u "Schembri vs Abela" , deciza minn din il-Qorti fis-27 ta' Lujlu, 2000. "Huwa principju stabbilit fil-gurisprudenza nostrali illi l-kompratur ma jistax izomm il-merci li huwa qieghed jilmenta dwarha u fl-istess hin jirrifjuta li jhallas ghalihom u jitlob, anzi, d-danni" – "Attard vs Direttur ta' l-Edukazzjoni", deciza mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell fl-4 ta' Novembru, 1992. L-Onorabbli Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) fil-kawza "Micallef vs Sullivan", deciza fit-22 ta' Novembru, 2002, kompliet tafferma li jekk ix-xerrej/sid izomm l-oggett avolja ma jkunx tal-kwalita' pattwita, u jecepixxi l-kwistjoni biss meta jigi mitlub il-hlas, huwa jitlef kull dritt li seta' kellu.*

Illi fil-każ odjern il-konvenut qiegħed jgħid illi huwa huwa mar diversi drabi biex jara jekk għandux ħmir oħra li kienu joġgħbuh iżda qatt ma għoġbuh oħrajn u kien għalhekk illi qatt ma ħa l-ħmir lura, u wkoll għaliex l-konvenut ma rridx jirrifondi l-flus tal-ħmir li kien ħallas. Il-konvenut iddikjara wkoll illi qabel ma rċievha l-kawża odjerna qatt ma għamel proċeduri ġudizzjarji kemm sabiex jirritorna l-ħmir u lanqas biex jiġu mħallsin l-ispejjeż li skontu inkorra kemm ilhom il-ħmir għandu u dan għaliex l-attur irrifjutahom.

Illi t-Tribunal ma jistax jifhem ukoll anke minn dak mitlub fil-kontro-talba, li kieku għas-saħħa tal-argument, il-konvenut ried jirritorna t-tlett iħmir u l-attur ma riedx itih lura l-ammont li ħallas għal tnejn minnhom fis-somma ta' €2,350, kif il-ħmara li ma kienx ħallas għaliha żammha għandu għal iktar minn sena minn mindu sar jaf li ma kienetx tqila.

In oltre, il-konvenut fil-kontro-talba mressqa minnu, talab li jitħallas is-somma ta' €1,830 bħala spejjeż biex jinżammu dawn il-ħmir stante li l-attur irrifjutahom. Mill-atti ma jirriżultax li tressqet xi prova ta' spiża f'dawn ir-rigward.

In oltre, issir referenza għal-Artikolu 7 (1) tal-Kap 380 tal-Ligijiet ta' Malta, li jipprovdi:

> *It-Tribunal ghandu jaqta' kull talba u kontro-talba li jkollu quddiemu principalment skond l-ekwita':*
>
> *Izda, f'kull kaz, kull kwistjoni li jista jkun hemm dwar il-preskrizzjoni ghandha tinqata' skond il-Ligi.*

[13] Ċit Nru: 926/1993/2, Qorti Ċivili, Prim'Awla, deċiża fid-19 ta' Frar, 2004 mill-Onor. Imħallef Tonio Mallia

It-Tribunal jagħmel referenza għall-appell fl-ismijiet **Marika Caruana vs Direttur Generali tal-Qrati tal-Gustizzja**, deċiż fit-23 ta' Jannar, 2004, fejn il-Qorti tal-Appell qalet:[14]

*Fir-rigward ta' ekwita' fis-sens litterali taghha t- Tribunal kif gja esprima ruhu drabi ohra fir-rigward jinghad li din tfisser:*

*"Fairness, recourse to principles of justice to correct or supplement the Law; system of Law, coexisting with and superseding common Law and statute Law (Oxford Dictionary).*

*Fil-kamp guridiku l-kelma ekwita' ghandha s-sens illi dan hu principju li ghandu jigi applikat mhux biex ifarrak il-Ligi, jew biex jissostitwixxi l-Ligi, izda biex jissupplimentaha fejn il-Ligi hi mankanti:*

*"Now equity is no part of the law, but a moral virtue, which qualifies, moderates, and reforms the rigour, hardness and edge of the law, and is an universal truth; it does also assist the law where it is defective and weak in the constitution, and defends the law from crafty evasions, delusions, and new subtilties, invented and contrived to evade and delude the common law, whereby such as have undoubted right are made remediless; and this is the office of equity, to support and protect the common law from shifts and crafty contrivances against the justice of the law. Equity therefore does not destroy the law, nor create it, but assist it" (Dudley [Lord] vs Dudley [Lady] [1705] ).*

*Ghandu jinghad ukoll li:*

*""Equity follows the law" and in cases where the legal analogy clearly applied, the rule of law was adopted, however harsh it might be."*

*Kif ukoll li:*

*"Equity is co-relative and co-existensive with law " (Sources of English Legal History 1750 – 1950 – A.H. Manchester. P. 121)*

*Il-kuncett tal-ekwita' zviluppa matul is-sekli, pero' sa minn zmien Aristotile l-bazi ta' l-ekwita' kienet dik ta' korp ta' regoli li jissupplixxu fejn il-Ligi hija mankanti:*

*"Aristotle explains how appeals to equity may be best made by an advocate pleading in the courts, and relates it to the "unwritten" law regarded as underlying an supplying the deficiencies of the body of enacted law" (Introduction to Jurisprudence – Lord Lloyd of Hampstead, 4th ed, p.964)*

*Dak li hu ekwu huwa gust:*

---

[14] Appell Civili Nru: 643/2001/1; Onor. Imhallef Philip Sciberras.

*“....... While we sometimes praise what is equitable and the equitable man, ....... at other times, when we reason it out, it seems strange if the equitable, being something different from the just, is yet praiseworthy; for either the just or the equitable is not good, if they are different; or, if both are good, they are the same.” (Introduction to Jurisprudence – Lord Lloyd of Hampstead, 4th ed, p.964)*

*U jkompli jghid:*

*“..... for the equitable, though it is better than one kind of justice, yet it is just, and it is not as being a different class of thing that it is better than the just. The same thing, then, is just and equitable, and while both are good the equitable is superior. What creates the problem is that the equitable is just, but not the legally just but a correction of legal justice. The reason is that all law is universal but about some things it is not possible to make a universal statement which shall be correct. In those cases, then, in which it is necessary to speak universally, but not possible to do so correctly, the law takes the usual case, though it is not ignorant of the possibility of error. And it is none the less correct; for the error is not in the law nor in the legislator but in the nature of the thing, since the matter of practical affairs is of this kind from the start. When the law speaks universally, then, and a case arises on it which is not covered by the universal statement, then it is right, where the legislator fails us and has erred by over-simplicity, to correct the omission - to say what the legislator himself would have said had he been present, and would have put into his law if he had known. Hence the equitable is just, and better than one kind of justice – not better than absolute justice, but better than the error that arises from the absoluteness of the statement. And this is the nature of the equitable, a correction of the law owing to its universality.” (Introduction to Jurisprudence – Lord Lloyd of Hampstead, 4th ed, p.964)*

*Dak li hu ekwu necessarjament huwa gust, u l-ekwita` hi propju intiza sabiex issir gustizzja ma dak li jkun. L-istess awtur ikompli jghid:*

*“it is plain what the equitable is, and that it is just and is better than one kind of justice. It is also evident from this who the equitable man is; the man who chooses and does such acts, and is no stickler for his rights in a bad sense but tends to take less than his share though he has the law on his side, is equitable, and state of character is equity, which is a sort of justice and not a different state of character.”*

*Sir Henry Maine isemmi tlett strumentalizzazzjonijiet li jservu biex igibu aktar qrib ta’ xulxin l-interessi tas- socjeta’ kif distinti minn dawk tal-ligi; u cioe’ “Legal Fictions, Equity, and Legislation” u jitlaq b’din il-premessa:*

*“...Law is stable; the societies we are speaking of are progressive. The greater or less happiness of a people depends on the degree of promptitude with which the gulf is narrowed.”*

*Filwaqt li Lord Denning juri l-preokkupazzjoni tieghu fuq dak li qal Maine fuq it-tlett strumentalizzazzjonijiet: "If they are exhausted where is a new means to be found?" u jispicca jghid:*

*"The law as I see it has two great objects: to preserve order, and to do justice; and the two do not always coincide. Those whose training lies towards order, put certainty before justice; whereas those whose training lies towards the redress of grievances, put justice before certainty. The right solution lies in keeping the proper balance between the two."*

*Tenut kont ta' dan kollu, it-tifsira li ghandha tinghata lill- kelma "ekwita`", u aktar tenut kont tal-kliem "skond il-Ligi" illi jinsab ghall xi raguni allaccat mal-kelma "ekwita'" fl- Artikolu 7 tal-Kap. 380 tal-Ligijiet ta' Malta, fil-fehma tat-Tribunal ghandu jigi interpretat fis-sens li l-ekwita` ghandha ssegwi l-Ligi, u ghandha ukoll pero` il-funzjoni specjali li din tissuplimentaha fejn din hi nieqsa, billi taghti rimedju fejn hemm ir-raguni, u b'mod li ssir gustizzja ma' dak li jkun.*

Illi ma tressaq professjonist sabiex jistma l-ħmara kemm tiswa. Jirriżulta li sar ftehim li l-aħħar ħmara tinbiegħ għas-somma ta' €1,300 jekk tkun tqila. Jirriżulta illi effettivament din il-ħmara ma kienetx. Il-veterinarju Dr. Daniel Cauchi fix-xhieda tiegħu qal illi ħmara li tkun tqila tiswa iktar. Mix-xhieda tal-partijiet jirriżulta li kien hemm bejgħ ta' tlett'iħmir oħra li l-prezzijiet ivarjaw minn €1,200 u oħra li ma kienetx tqila kienet €1,150 li nbiegħet mill-attur lil-konvenut mal-ħmara li kellha tkun tqila, u għalhekk stante li ma kienetx tqila bħal ma kienet l-oħra għandha titħallas is-somma ta' €1,150.

**Decide**

Għaldaqstant, it-Tribunal qiegħed jiddisponi mil-kawża billi in kwantu għat-talba promotrici u r-risposta għaliha, jiċħad l-eċċezzjonijiet tal-konvenut filwaqt li jilqa' t-talba attriċi limitatament fis-somma ta' elf, mija u ħamsin Ewro (€1,150) u għalhekk jordna lil konvenut iħallas lill-attur is-somma ta' elf, mija u ħamsin Ewro (€1,150) bl-imgħax legali mid-data tas-sentenza sad-data tal-pagament effettiv. Kwantu għal-kontro-talba, it-Tribunal għar-raġunijiet imsemmija jiċħad t-talba tal-konvenut-rikonvenzjonant, u jilqa' l-eċċezzjoni tal-attur-rikonvenzjonat.

L-ispejjeż u d-drittijiet relattivi kemm tat-talba promotriċi u kemm tal-kontro-talba u tal-ittra uffiċjali bin-numru 1431/2021[15] jitħallsu unikament mill-konvenut-rikonvenzjonant.

**Avukat Dr. Marouska Debono LL.D. M.A. in Law**

**Ġudikatur**

[15] Ivverifikat mis-sistema digitali tal-Qorti